## *KRONAKA*

# PRESIDENT U VIĊI-PRESIDENT TAGHNA MFAKKRIN

M'hemmx ħaġa aktar xierqa milli tfakkar nies li jkunu ħadmu bla serħan għal għajrhom, għal xi għaqda, u għal xi Ideal. U ħadd ma jista' jiċħad li Ġużè Muscat Azzopardi u Ninu Cremona ma kenux minn ta' quddiemnett fil-ħidma tagħhom għal Ilsienna — IL-MALTI. Imma, waqt li dawk li jkunu ħadmu, ikunu għamlu sagrifiċċji kbar, aħna ta' warajhom ma nagħmlu xejn biex inweġġħu t-tifkira tagħhom mhux biss wara mewthom, imma wkoll f'ħajjithom.



Tassew li fit-Teatru ta' l-Università ġie li saru Akkademji f'ġieh kittieba tal-Malti, iżda din kienet l-ewwel darba li l-Akkademja tal-Malti (flimkien ma' l-Għaqda tal-Malti Università) ħadet l-inizjativa biex turi l-qima tagħha lil wieħed mill-fundaturi tagħha, NINU CREMONA, D.Lit. (H.C.).

Cremona dis-sena għalaq 85 sena u billi s-27 ta' Mejju ħabtet festa, Lapsi, il-ġurnata ma setgħetx tkun isbaħ biex issirlu Akkademja fit-Teatru ta' l-Università.

Għalkemm is-sħana kienet bdiet u f'dak il-jum kien hemm xi tliet okkażjonijiet oħra, it-Teatru kien għoddu mimli u l-Lejla nfetħet b'kelmtejn mill-Prof. Ġużè Galea, President ta' l-Akkademja tal-Malti, li wera kemm kien ilu jaf lil Ninu Cremona, s-siwi tiegħu għall-bini qawwi u sħiħ tal-Malti u li għal dil-ħidma kien messu ilu li sar President ta' l-Akkademja, ġieh li hu ċaħad kemm-il-darba, għax Cremona dejjem ħadem bla fanfarunati, u kieku ma kienx hu l-Malti ma kienx ikollu s-sisien qawwija li għandu llum.

Bejn dan id-diskors u l-ieħor tal-Prof. Ġużè Aquilina, is-serata kienet imżewqa bil-kant tal-Baxx J. Vella Bondin, Membru taż-żewġ Għaqdiet tal-Malti, u tas-Sopran Hilda Mallia Tabone, kif ukoll bil-kor tal-Kulleġġ ta' *Stella Maris*, immexxi minn Bro. Edmund, B.A. Inqraw poeżiji ta' Cremona minn imseħbin tal-*Għaqda Letterarja Maltija* u tal-*Għaqda Kittieba Żgħażagħ*, waqt li Akkademiċi u

Studenti Universitarji qraw poeżiji tagħhom f'ġieh Cremona. Poeżiji li jidhru f'din ir-Rivista iżjed 'il quddiem.

Il-Prof. Ġużè Aquilina, President ta' l-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) wera l-karattru dejjem sod li bih hu mżejjen Ninu Cremona; mhux bħal Girella li jdur ma' kull riħ, iżda lest biex jissielet u jbati għall-Ideal tiegħu, IL-MALTI. Għax, kif faldkar il-Prof. Aquilina, Cremona ħadem għall-Malti u qala' fuq wiċċu mis-superjuri tiegħu u kien wasal saħansitra biex jiġi vittimizzat għall-prinċipji tiegħu.

Is-serata ntemmet b'Silta Qari mill-*Fidwa tal-Bdiewa* u b'kelmtejn ta' ħajr minn Ninu Cremona nnifsu, li fihom irringrazzja lill-*Akkademja tal-Malti*, u lill-*Għaqda tal-Malti* (Università) u lill-Għaqdiet oħra Letterarji, lis-Sur Ġużè Cardona li hejja s-Serata bl-għajnuna ta' Victor Apap, lil kull min ħa sehem għas-suċċess u lill-udjenza li ngħaqdet mal-Għaqdiet biex tifraħlu. Qal li ħassu grat u ferħan li issa l-Malti għandu grammatika u letteratura xierqa, u meta hu u dawk li baqa' mill-fundaturi ewlenin tal-Għaqda jitilqu biex jingħaqdu ma' l-oħrajn, ikollhom is-sodisfazzjon li ħallew warajhom "*il-ġenerazzjoni Maltija tal-lum li hi l-isbaħ wirt tal-koltivazzjoni letterarja tal-Malti*".

* * *

# LIL NINU CREMONA

*F'egħluq il-85 sena ta' għomru*
27 *ta' Mejju* 1965

*Ta' ALFRED M. PREVI, O.P.*

Xħin kont qed nara l-jum inin fl-għaxija,
U l-lejl qed joqrob, biex bi star sewdieni
Lill-ħlejjaq joftom minn kull ġmiel, kull dija,
Il-ħajja mietet, u ġo moħħi ġieni

Il-ħsieb ta' dawk li ntemmu qabli u baqa'
Il-baħħ biss ta' ħajjithom. Imma lilek
It-tmiem ma jtemmek qatt, għax mhux se jaqa'
Esħeħ mir-rħam u l-bronż Mafkar għemilek.

Il-ħsieb li tnissel f'qalbek miż-żgħożija
Minqux narawh illum fuq qalb dil-Gżira,
Għax inti bnejt Ilsienha, biex Maltija
Tkun Malta u t'ilsna oħra qatt ilsira.

Flimkien ninsġulek klila rand, henjin
Li int illum għalaqt Ħamsa w Tmenin.

# LIL NINU CREMONA ŻAGĦŻUGĦ TA' 85

*TA' ĠUŻE' CARDONA*

Ħabib,
Għalkemm ħamsa w tmenin
F'dal-jum għalaqt
U xagħrek bjad u l-mixja tqalet . . .
Ħabib, jien xwejjaħ ma ngħidlikx!
(Jixjieħ min għex għalxejn.)
Int, bħall-inbid,
La darba tajjeb,
Kull sena ġġedded u bennietu żżidlu.
Int, ħajtek kollha,
bil-ħeġġa ta' żagħżugħ qattajt
W għaddejt sal-lum
U dejjem tgħaddi trid
Fil-ħidma, fit-tfittix, fix-xogħ'l tar-reqqa
Tħabrek u tiġri,
Tikteb u ssewwi,
Tgħallem b'kitbietek
Lil min dejjem qiesek
Ewlieni fost is-sies ta' Lsien Pajjiżna.

Inti bħall-baħar,
Li żagħżugħ ta' dejjem,
Sejjaħ Dun Karm, u bħalu wkoll taf tagħdab
Għax-xwieni żgħar li jmissu ġieh Ilsienna,
U jħallu tranja li malajr tintefa;
Jew ġwejjed toħla
Tisma' bħal mewġiet meqjusa
Il-versi flokhom ta' poeti żgħażagħ
Jew xogħlijiet ta' prożaturi ġodda,
Li fuq mixjitek,
Il-pass meddew
Fit-toroq sbieħ li ftaħtu b'riżq ilsienna
Inti w ta' qablek, ta' warajk u sħabek.

Inti qadim bħall-Malti,
'Ma bħalu wkoll żagħżugħ,
W ixxettel u ma mietx

U s'issa qatt ma nfena
U saħħtu ma naqsitx
Mill-ħqir, miċ-ċaħda, miż-żebliħ barrani!

Għelma ta' Ġensna, Int,
Għax għalkemm Malti sħiħ bl-egħruq u x-xniexel
Qatt ma stmerrejt 'ma rdajt
Kulturi għonja
Li sebbħu Lsienna wisq w għanewh bil-bosta.

Qawwi bħal blata,
L-irwiefen,
Li qamu darb' għalik w għal Lsien Pajjiżna,
Iqumu aktarx mill-ġdid,
Kif qamu darba,
Sakemm jinfnew bil-karba
T'għajjura u tellifin,
W Int tibqa' tgħanni bil-ħidmiet kotrana
Ir-rebħa li ma tmutx,
Li biha l-Malti stagħna.

# TRIQ IMDAWLA!

*Ta' ALFRED DeGABRIELE*

*Lis-Sur Nin Cremona, f'Għeluq il-Ħamsa u Tmenin sena ta' għomru, b'ħajr ta' kemm ħadem għall-Ilsien Malti.*

Kienu Maltin
u demm Malti demmhom
kull min fl-imgħoddi ried lill-Malti jkasbar
u ġiehu jwaqqa'!
Kienu wlied Malta
min bil-Malti staħa
u kontra
min għall-Malti ssielet,
iġġieled
tul ħajtu kollha.
Inteset dit-tajfa
tul tas-snin il-mixi,

u l-liwi
qarrieq ta' ħsiebhom
kien għeb:
t'isimhom
fil-ġrajja biss baqa'
il-mafkar li trabhom jistmerr! . . .

Kienu Maltin
u demm Malta demmhom
kull min fl-imgħoddi ried lill-Malti jkabbar
u ġiehu saqqa
bid-dmugħ kiebi t'għajnejh!
Min ċanfar dan-nies
u bagħ'dhom,
għajjarhom
w sallabhom bla ħniena
kuljum ma' salib!
Dir-rażna ta' ħuthom
ġarrbuna fl-imgħoddi
min bħalek, Sur Ninu Cremona,
Ilsienna ma ċaħad imkien
w le beża'
iweġġgħu fid-dieher . . . .

Min bħalek, Sur Nin,
tela' l-għolja tal-waħx,
illum l-isem tiegħu
hu trejqa li tixhed id-dawl!

Ftit ilu rġajt smajtha
il-għajta qerrieda taċ-ċaħda
minn fomm ta' Maltin:
il-għajta biex twarrab Ilsienna
u tħaddan oħrajn barranin.
W għedt f'qalbi
minn kmieni ġe' ħajti:
Jekk reġgħet did-dalma fid-dawl,
x'kien jiġri, jekk lilek le kellna
iddawwal it-trejqa,
Sur Nin?

Fl-10 ta' Lulju fit-8 p.m., f'Ħal Qormi fejn twieled, tfakkar IL-KAV. ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI, P.L., P.E.P., B.M., l-ewwel President u wieħed mill-fundaturi tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*. It-tifkira saret mill-Kumitat Ċiviku Qormi, bil-kooperazzjoni tal-Banda Pinto, li tagħha Ġ.M.A. kien President u bil-għajnuna ta' benefattur li ħareġ ħafna mill-ispejjeż.

Iċ-Ċerimonja bdiet bid-daqq u l-Kant ta' l-INNU MALTI mill-Kor S. Piju X ta' Ħal Qormi akkumpanjat mill-Banda Pinto. Wara s-Sur Ġużè Cardona, Segretarju tal-Kumitat Ċiviku, fisser li kien ilu jitħabat mill-1953, iċ-ċentinarju tat-twelid, biex issirlu tifkira f'Ħal Qormi, iżda dik il-ħabta ma kienx hemm l-għaqdiet tal-lum. Issa x-xewqa ta' ħafna Qormin inqatgħet u l-irħama li se titwaħħal tibqa' tfakkar lil Muscat Azzopardi għal dejjem.



Tkellem imbagħad, il-Prof. Ġużè Galea, President tal-Kumitat Ċiviku. Hu fakkar il-ġieħ li Ġ.M.A. kiseb għal Ħal Qormi bil-karriera brillanti tiegħu, bħala prokuratur, bħala letterat u bħala bniedem attiv fil-ħajja soċjali Maltija. Fisser li huwa mhux biss Qormi kbir imma wieħed mill-akbar Maltin u għalhekk l-irħama li se tinkixef kienet tistħoqqlu fil-wisa'. Stieden imbagħad lill-Kav. Ivo Muscat Azzopardi, iben il-meqjum, biex jikxef il-lapida. Is-Sur Ivo, bl-akbar emozzjoni li qabbżitlu d-dmugħ u ġagħlitu jibki bil-ferħ, kixef il-lapida, irringrazzja lill-Kumitat Ċiviku, lill-Banda Pinto, lill-Prof. Galea u l-iktar lil Ġużè Cardona, li ħadem għal dan l-iskop. Semma b'ħajr ukoll lill-familja Zarb li taw il-permess biex titwaħħal l-irħama mad-dar tagħhom. Il-Kappillan Dun Ġużepp Cauchi bierek il-lapida. Tqiegħdet kuruna tar-rand mill-Każin Pinto u fjuri li bagħtet Karmen Mikallef Buħaġar minn Londra.

It-tieni parti taċ-Ċerimonja kienet il-ftuħ ta' Wirja tax-Xogħlijiet ta' Ġ.M.A. li saret mill-Għaqda Kulturali Qormija fil-Każin Pinto. Il-President ta' l-Għaqda Kulturali, Ġużè Cardona, għarraf li kien irnexxielhom jiġbru ħafna mill-affarijiet personali ta' Ġ.M.A., u x-xogħlijiet tiegħu minn għand uliedu. Fil-Wirja wieħed seta' jara l-ħidma ta' Muscat Azzopardi, bħala kittieb reliġjuż, bħala rumanzier, bħala poeta, bħala drammaturgu, bħala Editur, u bħala tra-

duttur. Is-Sur Cardona temm il-kelmtejn tiegħu billi stieden it-tieni iben tas-Sur Ġużè, is-Sur Ġino biex jiftaħ il-Wirja. Is-Sur Ġino irringrazzja lil dawk kollha li għenu biex jiġi mfakkar missieru u semma l-inċident ta' meta l-ewwel darba ltaqa' mas-Sur Cardona u staqsieh jekk kienx hemm xi ħadd magħruf minn Ħal Qormi li għalih setgħet tissemma xi triq. Meta Cardona wieġbu: "Muscat Azzopardi" u s-Sur Ġino qallu: Dan min hu? (biċ-ċajt), Cardona taħ ħarsa li kienet tinfed il-qalb minn naħa għal l-oħra. Is-Sur Ġino qal li mhux biss is-Sur Cardona, imma l-Qormin kollha għandhom ikunu sodisfatti li taw il-ġieħ li kien jixraq lil Missieru.